**30 ta' Marzu, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Ronnie Agius

## Rappreżentanza fil-Kamp Kriminali

*Fil-kamp kriminali, meta appellant ikun imsiefer hu ma jistax iqabbad lil ħaddieħor biex jippreżenta atti għan-nom tiegħu u l-preżenza ta' l-appellant hi dejjem rikjesta.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-31 ta' Lulju, 1990 li biha dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati talli f'dawn l-aħħar xhur fil-Belt Valletta għamel jew ġiegħel jew ħalla li jsir xi ħaġa f'Allied Newspaper Ltd., Triq San Pawl, il-Belt Valletta li għaliha huwa meħtieġ permess, skond l-artikolu 16(1) tal-Liġijiet tal-Pulizija Kapitolu 10 u wara li rat l-artikoli 16 u 17 tal-Kap. 10, ikkundannatu għall-piena ta' multa ta' ħamsin lira (Lm50) u ordnatlu sabiex, fi żmien tliet xhur minn dak in-nhar, iwaqqa' l-imsemmija kostruzzjoni ossia jottempera ruħu mal-liġi, taħt penali ta' multa ta' Lm25 kuljum fin-nuqqas; iddikjarat, a tenur ta' l-artikolu 17(8) ta' l-imsemmi Kap. dawn il-multi bħala dejn ċivili li huma dovuti u li għandhom jitħallsu lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u bil-fakolta' mogħtija lill-

Kummissarju tal-Pulizija fis-sub-inċiż 5 ta' l-artikolu 17 ta' l-imsemmi Kap.;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat tas-7 ta' Awissu, 1990 li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata billi tilliberah minn kull ħtija u imputazzjoni skond il-liġi;

Rat ir-rikors tal-5 ta' Ottubru, 1992;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali għal dana r-rikors;

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Awissu, 1992;

Rat il-verbal tad-9 ta' Ottubru, 1992;

Rat id-diversi differimenti u rikorsi;

Semgħet lill-avukat difensur u l-Avukat tar-Repubblika jittrattaw;

L-appell baqa' differit għal-lum għad-digriet dwar id-deżerzjoni ta' l-appell;

Fil-każ in eżami l-appellant m'għamilx rikors qabel ma siefer, sabiex l-appell tiegħu ikun differit għal ġurnata oħra, imma kien biss wara li siefer u meta kien imsiefer li għamel ir-rikors tal-5 ta' Ottubru biex jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza għax kien imsiefer. L-appellant kien jaf bid-data ta' l-appell qabel ma siefer;

Ġie deċiż minn dina l-Qorti diversi drabi li, fil-kamp kriminali,

meta appellant ikun imsiefer hu ma jistax iqabbad lil ħaddieħor biex jippreżenta atti għan-nom tiegħu, aktar u aktar, bħal f'dan il-każ ma jista' jippreżenta atti huwa stess. Għalhekk qed jiġi deċiż li t-talba li kien għamel l-appellant fil-5 ta' Ottubru, 1992 ma setgħetx issir (Ara sentenza ***The Police* vs *Preben Thor Larsen*** ta' l-20 ta' Diċembru, 1985);

Ġie deċiż ukoll minn dawn il-Qrati li l-presenza ta' l-appellant stess hi dejjem rikjesta, App. Krim. **Pulizija *vs* Muscat**, 29.3.19, Vol. 24 p.4, p.920;

Dan il-prinċipju ġie enunċjat minn dawn il-Qrati fl-Appell Kriminali **Pulizija *vs* Prof. Dr. V. Caruana LL.D. u *Contessa* Teuma Castelletti**, deżert kwantu għall-ewwel wieħed fis-6.9.1952; u deċiż kwantu għat-tieni waħda fit-18.10.1952 u aktar preċiżament fid-digriet mogħti fit-13 .9.1952. Ara wkoll sentenza **Il-Pulizija *vs* Cristino Sciortino** tat-8 ta' Ġunju, 1960;

Kien ikun divers il-każ kieku rriżulta illi l-appellant kien impedut minn xi ċirkostanzi mhux dipendenti mill-volonta' tiegħu milli jagħmel ir-rikros għat-tibdil tad-data tas-smigħ ta' l-appell - per eżempju, kieku kien kostrett isiefer b'urġenza talment kbira li ma ħallitlux żmien jikkomunika ma' l-avukat tiegħu; jew kieku ma rritornax mill-vjaġġ tiegħu minħabba ċirkostanza ta' *vis major* u raġunijiet simili. Dan ma kienx hekk fil-każ preżenti;

L-argument issollevat mill-appellant dwar ir-rappresentanza ġuridika tal-kumpannija m'għandux rilevanza *ai fini* ta' dana d-digriet. Ir-rikors tal-5 ta' Ottubru sar f'isem Ronnie Agius u l-proċeduri kienu kontra tiegħu;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 422 tal-Kap. 9, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, tilqa' l-preġudizzjali tal-prosekuzzjoni u tiddikjara l-appell deżert.